# L-ARMAR MAL-FAĊĊATA TAL-KOLLEĠĠJATA TAR-RABAT

Manuel Sapiano

Hi tradizzjoni sabiħa f'dawn il-gżejjer li matul il-jiem tal-festa it-toroq ta'madwar il-Knisja fejn din tiġi ccelebrata jiġu mżejna b'tipi diversi t'armar. Generalment issib li aktar ma triq tkun qrib il-Knisja aktar ikollha armar soffistikat u sabiħ. B'dan il-mod hekk kif wieħed jibda jersaq ftit ftit minn tarf ir-raħal sa qrib il-Knisja, qrib il-post fejn il-festi jilħqu l-qofol tagħhom, jibda wkoll jiddaħħal simbolikament ftit ftit fl-ispirtu tal-festa li tkun qed tiġi ccelebrata.

Hu għalhekk xieraq li l-faccata ta' l-istess Knisja tintrama b'mod dekoruż sabiex tikkumplimenta b'mod mill-aqwa l-armar li jkun hemm fit-toroq. Dan żgur li kien il-ħsieb f'moħħ missirjietna meta bdew jarmaw il-faccata tal-Knisja Parrokkjali tagħna.



*Il-faċċata tal-Knisja armata għall-festa ta' Corpus Domini fit-tieni nofs tas-seklu 19.*

## L-ewwel tagħrif

L-ewwel tagħrif li għandna fuq kif kienet tintrama l-faccata tal-Knisja għall-festa ta' Corpus Domini joħodna lura sa l-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Il-faccata tal-Knisja kienet tinkesa bid-damask tad-drapp tul il-pilastri, l-kontrapilastri kif ukoll il-fondijiet fejn hemm l-istatwi ta' Sant'Agatha u San Publiju. Tajjeb ngħidu li kien jintrama wkoll il-fond ta' fuq il-pilastri bid-damask . L-arkaturi u l-pilastri tal-bibien, kemm dak principali kif ukoll dawk laterali, kienu wkoll jintramaw bid-damask.

Fin-naħa ta' fuq ta' kull pilastru kienu jintramaw coff b'muzzettun (liedna bil-fjuri) ħiereġ minnu. Dawn kienu mpittrin fuq l-injam. Taħt in-nicec kienu jintramaw żewġ arem fejn kienu jitpoġġew erba' t'ibnadar f'kull waħda. Il-figuri fuq dawn l-arem kienu jirrappreżentaw simboli ta' l-ewkaristija. Illum dawn l-arem qed jintramaw fuq l-arkatura l-kbira ta' Triq il-Kulleġġ.

Kemm fuq il-bieb principali tal-Parrocca kif ukoll fuq il-bieb tal-Knisja ta' San Publiju u l-arkata laterali li tagħti għaz-zuntier; kienu jintramaw tlett skrizzjonijiet tad-drapp. L-iskrizzjoni fuq il-bieb principali kienet tkun akbar minn dawk laterali. Fuq dawn l-iskrizzjonijiet kien ikun hemm miktub, bil-latin, tifħir lejn l-Ewkaristija. Dawn l-iskrizzjonijiet kienu jkunu mdawra b'girlanda tal-liedna. L-iskrizzjonijiet baqgħu jiġu armati sa madwar is-sena 1959.



*Il-faċċata tal-Knisja kif kienet tiġi armata fl-ewwel snin tas-seklu 20.*

Fuq l-arkaturi ta' fuq il-fruntuni tal-bibien, bħal ma għadu jsir sal-llum, kienu jintramaw tlett kelmiet. Dak iż-żmien pero kienu jintramaw kliem differenti f'kull festa. Insibu għalhekk li fil-festa ta' Corpus Domini kienu jintramaw il-kliem 'VOBIS MEIPSUM

TRADO' filwaqt li għall-festa ta' San Pawl il-kliem kienu jkunu 'MAGNUS SANCTUS PAULUS'.

Aspett uniku ta' l-armar tal-faccata kif kienet tintrama f'dan is-snin; huwa l-istatwa ta' Kristu tal-Ħobża li kienet titpoġġa fit-tieqa ta' wara l-orgni. Din hija tradizzjoni antika minħabba li fl-imħażen ta' l-armar għadna nistgħu insibu statwa ferm antika li kienet tintrama fil-faccata tal-Knisja. Żgur li din saret ferm qabel l-1876 meta saru s-sett ta' l-appostli taħt id-direzzjoni ta' Mastru Antonio Catania. Din l-istatwa kienet tinżamm permanentament f'dan il-post; imbagħad hekk kif toqrob il-festa kienet tinfetaħ it-tieqa u l-istatwa titpoġġa tħares lejn il-pjazza. Taħt l-istatwa kien jintrama pavaljun tad-damask.

Żgur li l-armar tad-dawl kien waħda mill-akbar problemi li kienu jeżistu f'dawk iż-żminijiet; fejn dan l-armar kien isir kollu bit-tazzi taż-żejt. Pero anke f'dan ir-rigward, l-entużjażmu ta' missirijietna għeleb id-diffikultajiet li kienu jħabbtu wicchom magħhom.

Tul il-pilastri tal-bibien kienu jitpoġġew sitt globi bit-tazzi taż-żejt fuq kull naħa. Dawn il-globi kienu jkunu miżmuma mal-ħajt permezz ta' brazz tal-ħadid. Il-globi u l-brazzi li kienu jintużaw mal-bieb principali kienu xi ftit akbar minn dawk użati mal-bibien laterali kif ukoll kellhom xi ornat. Fuq kull nicca kien jintrama ornat tal-ħadid li fuqu kienu jitpoġġew tlett globi bit-tazzi taż-żejt. Il-globu li kien jitpoġġa fin-nofs ta' dan l-ornat kien ikun akbar minn dawk tal-ġnub. Kien jitwaħħal ornat tal-ħadid anke fuq il-fruntuni (ġwarnici) ta' fuq il-bibien.



*Il-faċċata tal-Knisja armata għall-Kungress Ewkaristiku.*

Minn mal-pilastri kienu jiġu mdendla sett ta' sitt linef wisq probabbilment tal-landa; li aktar tard fi żmien il-Kappillan Sammut inbidlu u nġiebu sett linef ta' Venezja (bi ħġieġ ikkulurit). Dan sar minħabba l-pika kbira li kien hemm f'dak li jirrgwarda l-armar bejn iż-żewġ partiti tal-festa li kien hawn fir-Rabat. Għalhekk insibu li meta saru sett linef ta' Venezja sabiex jintramaw fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri għall-Festi ta' San Gużepp; għall-festa ta' Corpus Domini kienu nġiebu sett linef ta' l-istess tip sabiex jintramaw mal-faccata tal-Knisja. Illum tnejn minn dawn il-linef għadhom jiġu armati fl-oratorju tal-Madonna tal-Karmnu.

Quddiem il-Knisja kienu jintramaw żewġ pilandri kbar; li kienu jinxtegħlu bit-tazzi taż-żejt. Meta fl-1876 saru s-sett ta' l-appostli magħhom saru wkoll żewġ statwi ta' San Pawl u San Luqa li bdew ukoll jintramaw, bħal ma għadna nagħmlu sal-llum, quddiem il-bieb principali tal-parrocca. Fit-tarf nett tal-faccata kienu jintramaw żewġ statwi ta' qaddisin marbuta ma' l-Ewkaristija. Mir-ritratti nafu li fuq in-naħa taz-zuntier kienet tintrama l-istatwa ta' San Tumas d'Aquino; iżda s-issa għad m'hemm l-ebda ħjiel ta' liema qaddis setgħet kienet l-istatwa l-oħra. Fuq il-pedestalli ta' dawn l-istatwi kien jitpoġġa ornat tal-ħadid li miegħu kienu jitwaħħlu xi tazzi taż-żejt.

## Bidu tas-seklu għoxrin

Għall okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku ta' l-1913 il-faccata tal-Knisja tagħna ġiet armata bħal fil-festa ta' Corpus Domini. Din l-okkażjoni serviet sabiex tingħata spinta kbira lill-armar tal-festi tagħna; fejn insibu li fost l-oħrajn, kienu saru sett ta' l-appostli minn Karmenu Mallia (il-Lhudi). Minn din is-sena għalhekk insibu li l-istatwa ta' Kristu Ewkaristiku ta' Antonio Catania bdiet tintrama fil-faccata tal-Knisja minflok l-istatwa l-qadima. Din baqgħet tintrama fil-faccata sa meta minflok it-tieqa sar il-mużajk li jirrappreżenta lill-Kristu id-dawl tal-Ġnus.

Fl-1915 imbagħad saru wkoll żewġ statwi ġodda ta' San Pawl u San Luqa xogħol l-istess Karmenu Mallia. Wisq probabbilment l-istawi l-antiki kienu ġew mibdula f'figuri ta' xi qaddisin marbuta ma l-Ewkaristija.

Fl-1930 kienu ġie mżanżan armar ġdid għall-pjazza. Dan kien jinkludi ż-żewġ pilandri l-kbar li għadhom jintramaw mal-faccata tal-Knisja sal-llum.

## Wara l-gwerra - Żviluppi ġodda

Żgur li wieħed mill-aktar żviluppi mportanti f'dan il-perjodu kien fl-1946 meta numru ta' dilettanti Rabtin Pawlini taħt id-direzzjoni ta' Johnnie Bugeja bdew jarmaw il-faccata (u anke t-toroq) bid-dawl elettriku. Issa setgħu jintramaw partijiet mill-faċcata fejn qabel kienu inaccessibbli għat-tazzi taż-żejt. F'dan il-perjodu nsibu li saru, s-slaleb u r-raġġiera li tintrama fuq is-salib tal-frontispizju kif ukoll l-istrixxi u ornat ieħor li jżejnu l-parti ta' fuq tal-faccata.



*L-armar tal-faċċata tal-knisja iservi ta' sfond għall-purċissjoni ta'Corpus Domini*

Fl-1947 inħass il-bżonn li d-damask tal-faccata jinbidel. Pero, din id-darba, ttieħdet id-deċiżjoni għaqlija li dan ma jsirx tad-drapp bħal ma jintrama fil-Knisja; iżda jsir mit-tila imwaħħla fuq tilari ta' l-injam. Il-fondijiet ta' madwar in-nicec saru kollha ta' l-injam. Ix-xogħol tħalla taħt id-direzzjoni ta' Mastru Anton Ebejer (Joci). Insibu li l-aħwa Leli u Kristinu Borg (ta' l-Erlekkin) u Aristarku Fenech ħadmu t-tilari ta' l-injam fil-foss tal-Knisja li dak iż-żmien kien jintuża bħala maħżen ta' l-armar. Mastru Ebejer wara ħejja d-disinn tad-damask fuq karti. Il-karti kienu mtaqqbin bil-labar sabiex meta jispurvlawhom (jingħadda l-ġibs ingiż minn fuqhom) iħallu kopja tad-disinn fuq it-tila. Ix-xogħol taż-żebgħa mbagħad sar fis-sala l-qadima tal-parrocca minn diversi dilettanti.

## Illum

Tajjeb ukoll insemmu li f'dawn l-aħħar snin il-faccata tal-Knisja ġiet armata wkoll f'żewġ okkażjonijiet unici għar-Rabat. Qed nirreferi għaż-żewġ viżti li għamel il-Q. T. il-Papa Gwanni Pawlu II fil-Parrocca tagħna.

Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li għandna skema t'armar li tikkumplimenta sew ma l-faccata mponenti tal-parrocca tagħna. Tajjeb li dak li żviluppa bil-ħidma ta' missirjietna nieħdu ħsiebu ħalli ngħadduh lill-ta' warajna; jekk jista' jkun fi stat aħjar minn dak li sibnieħ fih. Din ir-responsabbilta l-Kumitat Festi Esterni jifimha sew. Hu għalhekk li tul dawn l-aħħar snin ġew miżjuda diversi ornat tad-dawl mal-faccata, bħall-ornat li jinsab fil-fruntun ta' fuq il-bieb principali u l-istrixxi ta' mal-pilastri tal-bibien.

Żgur li l-programm ta' restawr se jkompli fis-snin li ġejjin. Tajjeb għalhekk li waqt li niftakru fix-xogħol li ħallew missirijietna; nirringrazzjaw u ninkoraġġixxu lill-dawk il-voluntiera li jaħdmu matul is-sena kollha sabiex jikkonservaw dan il-wirt li ġie mgħoddi lilna.